MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 1335/2010

**Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**vs**

**Christopher Testaferrata Moroni Viani, Martin Testaferrata Moroni Viani,**
**Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani**
**u Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani mart Gerald Zammit, u**
**Caren mart Josef Preziosi u Anna Maria mart John Spiteri Debono**
**ghal kull interess li jista' jkollhom**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tas-27 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimati Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono Ikoll huma l-werrieta universali tal-mejta Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, li mietet fis-sena elfejn u sebgha (2007), u dan skond l-artikolu disgha (9) tal-ahhar testment taghha datat sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) fl-atti tan-Nutar Dottor Hugh Grima, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bl-ittra "A";

Illi a tenur tal-artikolu tnejn (2) tal-fuq imsemmi testment, it-testatrici Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani halliet b'titolu ta' legat lin-neputijiet taghha, l-intimati Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani, ulied Salvino u Monika von Ammerman, terz mis-sehem indiviz li hi kellha mill-Primogenituri Testaferrata, u cioe minn ottav indiviz li kienet tgawdi fuq il-proprjeta formanti parti minn dawn il-primogenituri;

Illi l-artikolu tnejn (2) fuq citat testwalment ighid hekk: "The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testatrix's brother Salvino and Monika von Ammerman residing at Balzan and Sliema respectively and this in equal portions between them, said legacy to be operable immediately following the testatrix's death and in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eights (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eight (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8th) by the testatrix. The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eight (1/8th) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures; Furthermore the testatrix decrees and orders that any expenses including duty on documents capital gains or final withholding tax if any, in the fulfillment of this legacy

is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy”;

Illi a tenur tal-artikolu tlieta (3) tal-fuq imsemmi testment, it-testatrici Nobbli Beatrice Testferrata Moroni Viani halliet b'titolu ta' legat lin-neputijiet taghha, l-intimati Peter Paul, Paul Stephen u Caroline ahwa Testaferrata Moroni Viani, ulied il-mejjet Mario u Jane nee Borg, sest mis-sehem indiviz li hi kellha mill-Primogenituri Testaferrata, u cioe minn ottav indiviz li kienet tgawdi fuq il-proprjeta formanti parti minn dawn il-primogenituri;

Illi l-artikolu tlieta (3) fuq citat testwalment jghid hekk: “Article Three: The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy and in full and absolute ownership to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane nee Borg residing respectively at San Pawl tat-Targa, Ta' Xbiex and San Pawl tat-Targa and this in equal portions between them, one sixth (1/6th) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eights (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8/h) by Maria Testaferrata Bonici one eight (1/8th) a further one eight (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and the remaining one eighth (1/8th) by the testatrix. The testatrix orders and ordains that any expenses including duty on documents, capital gains or final withholding tax if any, in the fulfillment of this legacy is to be settled by the said legatees mentioned above and recipients of this legacy”;

Illi l-intimati Christopher u Martin ahwa Testaferrata Moroni Viani u Peter Paul, Paul Stephen u Caroline ahwa Testaferrata Moroni Viani qed jippretendu li nkluz fl-assi formanti parti mill-Primogenituri Testaferrata, u ghalhekk inkluz ukoll fil-legat imholli lihom minn Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani, hemm ukoll is-segwenti zewg

immobbli, u cioe: l-utile dominju perpetwu tal-villa bl-isem "Bendigo" u bin-nurnru ufficjali segha u erbghin (47), f’a' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex; u l-porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' cirka dsatax-il elf, disa' mija u erbgha u sebghin metru kwadru (19,974m2), maghrufa bhala "Tal-Blata l-Gholja" fil-Mosta;

Illi bhala fatt dawn iz-zewg immobbli ma jifformawx parti mill-fuq imsemmi legat billi ma humiex u ma jifformawx parti minn l-ebda primogenitura kif ser jigi pruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza odjerna u ghalhekk is-sehem li kien jappartjeni lill-mejta Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani minn dawn l-immobbli, mal-mewt taghha, iddevolva favur ir-rikorrenti u hutha l-intimati Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono qua eredi universali taghha;

Illi ghall kull bwon fini qeghdin jigu annessi ma’ dawn l-atti l-atti tal-akkwist tal-imsemmija immobili liema akkwist sar wara l-abolizjoni tal-primogenituri bil-ligi tal-1952, ara Dokument B u C;

Jghidu ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara li l-legati fuq imsemmija imhollija mill-istess kompjanta Beatrice Testaferrata Moroni Viani ma jinkludux l-immobili fuq imsemmija u cioe: l-villa bl-isem "Bendigo" u bin-numru ufficjali sebgha u erbghin (47), f'Ta' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex u l-porzjon diviza ta' art tal-kejl ta' cirka dsatax-il elf, disa' mija u erbgha u sebghin metru kwadru (19,974m2), marghufa bhala "Tal-Blata l-Gholja" fil-Mosta, u dan in vista tac-cirkostanzi fuq premessi kif ukoll minhabba li l-istess proprjetajiet ma jifformaw parti minn l-ebda Primogenitura u ghallhekk ma humiex inkluzi fl-istess legati;

Bl-ispejjez kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata ta’ Caren Preziosi u Ann Maria Spiteri Debono li tghid hekk:

Illi huma ma jopponux ruhhom ghat-talbiet tar-rikorrenti b'dana pero illi ma ghandhom ibghatu l-ebda spejjez fir-rigward;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti l-ohra li tghid hekk:

1. Eccezzjoni preliminari, vessatorjeta tal- proceduri

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

1.1. Illi prezentament hemm pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta proceduri bejn l-istess partijiet u ohrajn, fl-ismijiet Il-Baruni Salvino Testaferrata Moroni Viani, Christopher Testaferrata Moroni Viani, Dr Martin Testaferrata Moroni Viani, Il-Barunessa Monika Testaferrata Moroni Viani, mart l-imsemmi Baruni Salvino (ghal kull interess li jista' jkollha), Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani, Caroline Testaferrata Moroni Viani u Jane, armla minn Mario, Testaferrata Moroni Viani v Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici sive Gera de Petri Testaferrata, mart Alfred Gera de Petri, Caren Preziosi mart Josef Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono mart John Spiteri Debono [378/2010FS], liema proceduri jkopru l-mertu tat-talbiet li qed isiru fil-kawza odjerna. [kopja tar-rikors mahluf anness bhala Dok A];

1.2. Illi difatti, fil-proceduri 378/2010FS, l-atturi f'dik il-kawza qeghdin inter alia jitolbu lill-Onorabbli Qorti [i] tiddetermina u tidentifika l-proprjetajiet kollha li fihom il-partijiet huma komproprjetarji liema proprjetajiet huma deskritti f'rapport tal-Perit AIC Godwin Abela tat-30 ta' Settembru, 2009 [ii] tiddetermina s-sehem ta' kull komproprjetarju [iii] tiddikjara illi Peter Paul, Paul Stephen u Caroline ghandhom sehem gej minn legat minghand Beatrice Testaferrata Moroni Viani u tordna lill-intimati jimmettu lill-esponenti fil-pussess tal-legati msemmija u [iv] tordna d-divizjoni bejn il-partijiet;

1.3. Illi mill-premessi ta' dik il-kawza jirrizulta car illi l-proprjetajiet li ghalihom qed issir referenza fir-rikors

guramentat odjern, u cjoe l-villa “Bendigo”, f’Ta’ Xbiex Wharf, Ta’ Xbiex u l-prozjon diviz ta’ art maghruf bhala “Tal-Blata l-Gholja” fil-Mosta, huma mertu tal-kawza precedenti u li t-talbiet li qed isiru fil-proceduri odjerni ser jigu decizi fil-proceduri pendenti 378/2010FS;

1.4. Illi fid-dawl ta’ dan, il-proceduri odjerni huma kjarament inutili, frivoli u vessatorji u intizi biss sabiex jissabotaggaw proceduralment il-progress tal-proceduri gja pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta;

1.5. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi f’din il-kawza bir-rispett lanqas biss jisthoqqilhom illi jigu ikkunsidrati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

2. Eccezzjoni, lis alibi pendens, ai termini tal-artiklu 792 tal-Kap. 12

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din il-kawza ghandha tintbaghat quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta li qed titratta;

Fatti dwar din l-eccezzjoni:

2.1. Kif gie spjegat, prezentament hemm kawza bl-istess oggett pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta (378/2010FS);

2.2. Illi ghalhekk, subordinatement u minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz illi din il-Qorti thoss illi t-talbiet tar-rikorrenti jisthoqqilhom illi jigu ikkunsidrati, din il-kawza ghandha tintbaghat quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta, li qed titratta l-kaz 378/2010FS, ai termini tal-artiklu 792 tal-Kap. 12;

3. Mertu. Fil-mertu, l-esponenti jichdu kategorikament il-pretensjonijiet tal-atturi bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;

3.1. Illi l-esponenti jtennu illi l-legati mhollija lill-esponenti jinkludu l-immobbli mertu ta’ dan il-kawza, liema immobbli huma provenjenti mill-Primogenituri Testaferrata;

3.2. L-esponenti umilment jirriservaw illi, f'kaz illi jigu michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghhom, iressqu eccezzjonijiet fil-mertu f'aktar dettall;

4. Salv Eccezzjonijiet ohra permissibbli mill-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u hadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha u noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-13 ta' Lulju 2012.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi dwar it-tifsira ezatta ta' zewg klawsoli testamentarji fit-testment tan-Nobbli Beatrice Testaferrata Moroni Viani tas-6 ta' Lulju 2007 atti Nutar Hugh Grima, u l-estensjoni tal-legati mhollija b'dawn iz-zewg klawsoli. Dawn iz-zewg klawsoli ighidu hekk:
The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy unto her nephews Christopher and Martin brothers Testaferrata Moroni Viani sons of the testarix's brother Salvino and Monika … in equal portions between them … and in full and absolute ownership one third (1/3) of her one eighth (1/8) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eights (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eight (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and one eighth (1/8th) by the testatrix.
The testatrix furthermore specifically includes in the said legacy her one eight (1/8th) undivided share in the house known as Palazzo Testaferrata situated in Valletta Road, Paola which house forms part of one of the said primogenitures;

Article Three

The testatrix is hereby bequeathing by title of legacy and in full and absolute ownership to her nephews and niece namely Peter Paul, Caroline, wife of Gerald Zammit and Paul Stephen all brothers and sister Testaferrata Moroni Viani children of the testatrix's brother the late Mario Testaferrata Moroni Viani and Jane nee Borg … this in equal portions between them, one sixth (1/6th) of her one eighth (1/8th) undivided share of the Primogenitures Testaferrata Moroni Viani being these Primogenitures previously held by her father the late Baron Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani and which devolved upon his death as to five eights (5/8th) share by his son Salvino, one eighth (1/8th) by Maria Testaferrata Bonici one eight (1/8th) a further one eight (1/8th) by Mario Testaferrata Moroni Viani and the remaining one eighth (1/8th) by the testatrix.

Il-werrieta f’dan it-testment huma l-attrici u l-konvenuti Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono skond klawsola 9 tal-istess testment li jghid hekk:

Article Nine
Save for the above, the testatrix is hereby nominating and instituting as her sole and universal heirs of all her property movable and immovable, corporeal and incorporeal of whatever nature and wherever situate her three nieces namely Marchesina Agnes Gera De Petri … Countess Karen Preziosi … and the Noble Anna Maria Spiteri Debono … all sisters Testaferrata Bonici … and this in equal portions between them and with the right of substitution in favour of their children and/or descendants if any one of them predeceases the testatrix and in the absence of children with the right of accretion between them.

Il-kwistjoni li qamet bejn il-kontendenti tirrigwarda zewg proprjetajiet partikolari cioe
a. Villa Bendigo, 47 Ta’ Xbiex Wharf, Ta’ Xbiex u
b. bicca art ta’ kejl ta’ circa 19,974 metri kwadri maghrufa bhala ’Tal-Blata l-Gholja’ limiti tal-Mosta.

L-attrici qed tikkontendi illi dawn iz-zewg proprjetajiet ma jifformawx parti mill-priogenitura msemmija fil-lascitu fit-testment ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani filwaqt illi l-konvenuti qed jikkontendu li jifformaw parti mill-primogenitura.

**Eccezzjoni ta' vessatorjeta ta' din il-procedura**

Il-konvenuti Testaferrata Moroni Viani resqu din l-eccezzjoni peress li hemm kawza quddiem din l-istess Qorti diversament presjeduta bejn l-istess partijiet u ohrajn li ghandha l-istess mertu billi qed jintalab inter alia l-identifikazzjoni tal-proprjeta komuni u s-sehem ta' kull wiehed u l-qasma tal-istess proprjeta skond l-ishma.

Din il-Qorti ma tqis din il-kawza vessatorja ghaliex din il-kawza qed issir mhux bl-iskop li jigi identifikat la l-proprjeta in komun u lanqas is-sehem izda jekk xi proprjetajiet jifformawx parti minn legati mhollija min Beatrice Testaferrata Moroni Viani fil-konfront tal-konvenuti Testaferrata Moroni Viani biex darba deciz dan il-punt, jista' jigi individat is-sehem tal-istess legatarju f'din il-proprjeta fil-kawza tad-divizjoni jew invece li l-proprjetajiet ma jifformawx parti mill-legat.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Eccezzjoni ta' *lis alibi pendens***

L-istess konvenuti iddjaraw fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 li l-mertu ta' din l-eccezzjoni gie ezawrit b'digriet fil-kawza tad-divizjoni numru 378/2010FS.

**Mertu**

Irid jigi relevat u puntwalizzat sabiex ma jkun hemm ebda dubbju f'din il-vertenza illi l-iskop ta' din il-kawza mhux qieghed sabiex jigi stabbilit jekk hemmx primogenitura jew le. Din il-Qorti kienet uriet id-dubbju taghha lil partijiet dwar jekk it-talba attrici kienitx tikkomprendi wkoll dikjarazzjoni jekk tezistix il-primogenitura o meno qabel issir indagini jekk il-legati mhollija minn Beatrice

Testaferrata Moroni Viani kienitx jew ghadhomx jifformaw parti minn din il-primogenitura jekk tezisti. B’nota spjegattiva l-atturi kienu ddikjaraw illi fit-talba attrici ma kienitx qed tintalab jekk tezistix il-primogenitura billi dan kien ser jigi diskuss semmai fil-kawza ta’ divizjoni quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. L-attrici ppremettiet illi dato non concesso li tezisti primogenitura, jekk il-legat ta’ Beatrice Testaferrata Moroni Viani kienx jifforma jew ghadu jifforma parti mill-istess primogenitura fil-mument tal-mewt taghha.

Din il-Qorti ghalhekk mhux qeda bl-ebda mod tippronunzja ruhha fuq l-ezistenza tal-primogenitura izda qeda ghal finijiet tat-talba attrici tqisha ipotetikament li kien hemm primogenitura kif qed jallegaw il-konvenuti li fil-fatt tezisti.

Hi l-kontenzjoni tal-konvenuti illi kienet tezisti primogenitura li giet kostitwita minn Paolo u Beatrice konjugi Testaferrata Moroni Viani b’att tan-Nutar Benedetto Vassallo tas-17 ta’ Marzu 1714. l-ahhar titolari ta’ din il-primogenitura kien il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. Il-primogenitura giet abolita bl-Att XII tal-1950 illum Kap. 130 fejn allura skond il-ligi l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani baqa’ proprjetarju ta’ nofs indiviz tal-proprjetajiet li kienu jifformaw parti mill-primogenitura u n-nofs indiviz l-iehor gie jappartjeni b’titolu ta’ proprjeta lil ibnu Salvino Testaferrata Moroni Viani u dan skond artikolu 3(a) tal-Kapitolu 130 tal-Ligijiet ta’ Malta, soggett ghall-uzufrutt durante vita tal-possessur tal-gid cioe l-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani.

Il-Baruni Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani miet intestat fit-18 ta’ Marzu 1954. Il-gid tieghu ghalhekk iddevolva fuq l-erba’ wliedu cioe Salvino, Mario, Maria u Beatrice. Kwindi Salvino kellu 5/8 (billi skond l-Kap. 130 kien proprjetarju ta’ nofs indiviz), Maria 1/8, Mario 1/8 u Beatrice 1/8 sehem indiviz tal-proprjeta kollha formanti parti mill-primogenitura, fosthom sa dak iz-zmien l-imsemmija proprjetajiet mertu ta’ din il-vertenza.

Maria armla ta’ Lino Testaferrata Bonici mietet fil-1999 u skond l-ahhar testment taghha wirtuha Agnes mart Alfred Gera de Petri, Carmen Mart Joseph Preziosi u Anna Maria mart John Spiteri Debono.

Mario Testaferrata Moroni Viani miet fl-2007 u skond it-testment tieghu wirtuh uliedu Peter Paul, Paul Stephen u Caroline mart Gerald Zammit.

Beatrice mietet xebba u l-wirt taghha iddevolva kif jirrizulta mit-testment precitat.

Ghal kompletezza il-Qorti tippreciza illi l-legatarji Christopher u Martin Testaferrata Moroni Viani huma ulied Salvino.

Din il-harsa lejn l-ishma hi wahda spjegattiva biss dwar kif dawn il-persuni skond il-konvenuti ghandhom interess guridiku fil-mertu u s-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-Qorti tqis li din l-ispjegazzjoni hi necessarja biex jigu individwati ahjar il-persuni li ser jissemmew aktar il-quddiem f’din is-sentenza.

Il-kwistjoni kif fuq gie indikat fil-qosor hi dwar zewg proprjetajiet partikolari li dwarhom saru xi zviluppi ta’ natura fattwali u legali tul iz-zmien u jekk minhabba dawn it-tibdiliet dawn il-proprjetajiet jistghux jigu meqjusa bhala proprjeta li taghmel parti mill-primogenitura jew le.

Il-klawsoli testamentarji in kwistjoni ma jaghtux hjiel car ta’ dak kompriz fil-primogenitura. Il-kliem uzat mit-testatrici hu generiku fis-sens li l-legat jikkomprendi l-primogenitura Testaferrata Moroni Viani cioe dawk precedentement mizmuma minn missierha Pietro Paolo.

Qabel xejn din il-Qorti hi konvinta illi l-proprjetajiet mertu tal-vertenza kienu mizmuma minn missierha Pietro Paolo sal-mument tal-mewt tieghu fl-1954 in virtu tal-primogenitura naxxenti mill-Att tal-1714 precitat. Uliedu Maria, Beatrice u Salvino u Mario f’affidavits li ghamlu kollha jikkonfermaw li l-art tal-Mosta kienet tifforma parti mill-primogenitura w in kwantu ghall-art ta’ Ta’ Xbiex id-

dokumenti ezebiti mill-konvenuti juru li din ukoll kienet tifforma parti mill-primogenitura kif ser jigi spjegat aktar il-quddiem, ghalkemm fl-1950 bl-abolizzjoni tal-ligi tal-primogenitura hu kien baqa’ sid ta’ nofs indiviz tal-istess proprjetajiet u uzufruttwarju tul hajtu ghan-nofs indiviz l-iehor. Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk mal-mewt ta’ Pietro Paolo jistghax jitqies li l-proprjetajiet mhollija bil-legat ta’ Beatrice Testaferrata Moroni Viani baqghux, qua lasciti, jaqghu taht il-kappa tal-primogenitura.

**Il-proprjeta ’Bendigo’ Ta’ Xbiex Wharf, Ta’ Xbiex**

Skond Martin Testaferrata Moroni Viani l-provenjenza ta’ dan il-fond hi s-segwenti. Il-Qorti ser tistrieh fuq provi dokumentarji u mhux opinjonijiet ohra pendenti ghal prova tal-primogenitura li mhux l-iskop ta’ din il-kawza:

Dan il-fond jinsab mibni fuq bicca art originarjament koncessa minn Baruni Pietro Paolo lil certu Eduardo De Marco in atti Nutar Giovanni Chapelle tad-29 ta' Settembru 1926 (Dok. MTMV7). Kif jirrizulta anki mill-istess att (a fol. 555 tal-process) ta’ koncessjoni, din l-art kienet tifforma parti diviza mit-Territorju Ta' Xbiex li dak iz-zmien kien soggett ghall-Primogenitura ('fedecommesso primogeniale') ordnat mill-Baruni Paolo u l-Barunessa Beatrice Testaferrata in atti Nutar Benedetto Vassallo tas-sebgha ta' Marzu sena elf seba' mija u erbatax (7/3/1714). Jirrizulta mill-istess att li l-Primogenitura relattiva tat fakolta' lill-pussessur li jikkoncedi in enfitewsi dawk il-beni assoggettati ghall-istess att ta' 1714. Il-bicca art hekk koncessa minn nannuwi kien bil-kejl ta' 120 qasab kwadri [illum pari ghal hames mija sebgha u ghoxrin metro kwadru (527mk)].

Din il-koncessjoni giet iskritta fir-Registru Pubbliku bin-numru 2628/1926 (Dok. MTMV8).

L-imsemmi De Marco biegh parti mill-utile dominju hekk koncessa lil certu Giorgio Micallef u Giovanni Bezzina, u precizament 84 qasab kwadri. Dan jirrizulta ukoll mill-att relattiv ta' rikonoxximent datat hamsa ta' Gunju elf disa'

mija tlieta u tletin (5/6/1933) maghmul in atti tal-istess Nutar Giovanni Chapelle (Dok. MTMV9).
L-imsemmija Micallef u Bezzina di loro volta bieghu l-istess utile dominju lil certi Antonio del fu Agostino Cassar Torregiani u John del fu Carmelo Cassar Torregiani. Jidher li sa dak iz-zmien lahqu saru xi benefikati fuq l-art hekk mizmuma in enfitewsi billi l-att relattiv ta' rikonoxximent datat sbatax ta' Jannar elf disa' mija hamsa u tletin (17/1/1935) maghmul in atti Nutar Rosario Frendo Randon (Dok. MTMV10) jiddeskrivi erbat (4) idjar mibnijin fuq l-imsemmi sit ta' 84 qasab kwadri. Dawn id-djar kien jisimhom 'Ballarat', 'BArnabool', 'Bendigo' u 'Balanald'.

Cassar Torregiani ghamlu kuntratt ta' tpartit bejniethom u b 'hekk l-istess John (a fol. 103 tal-process) (jew Giovanni) Cassar Torregiani gie fil-pussess tal-intier tal-utili dominju perpetwu tal-imsemmija erbat idjar, inkluz s'intendi d-dar in kwistjoni 'Bendigo'. Dan kollu jirrizulta mill-att relattiv ta' permuta u kontestwali rikonoxximent datat 7/2/1935 maghmul in atti Nutar Rosario Frendo Randon (Dok. MTMV11).

Dato non concesso illi c-cens ghalhekk kien qed jigi ricevut minn Pietro Paolo Moroni Viani skond il-ligi tal-primogenitura bid-drittijiet li thallew wara l-abolizzjoni tal-primogenitura fl-1950 jikkonsegwi illi wara l-mewt ta’ Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, ic-cens baqa’ jigi ricevut skond il-kwoti rispettivi msemmija aktar lura f’din is-sentenza minn ulied Pietro Paolo fil-kwoti mhollija lilhom skond il-ligi. Madankollu fl-1959 meta certu Carmelo Zammit xtara l-utile dominju tal-villa minghand Cassar Estates, l-ahwa Testaferrata Moroni Viani invokaw id-dritt legali skond il-ligi vigenti f’dak iz-zmien li kellhom ta’ rkupru bhala dirrettarji u permezz ta’ cedola datata 27 ta’ Gunju 1959 (a fol. 14 sa 16 tal-process) irkupraw l-imsemmija villa billi hallsu l-prezz tal-assenjazzjoni skond il-kwoti indikati li kellhom u li allura gew ghandhom wara l-mewt ta’ Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. F’dak il-mument, bic-cedola ta’ rkupru u bl-iskrizzjoni tal-konsolidazzjoni tal-proprjeta fir-Registru Pubbliku (Dok. MTMV14) sar haga wahda l-utile dominju mad-dritt

dominju gia appartenenti lil ahwa Testaferrata Moroni Viani fosthom Beatrice.

Hu minnu illi dato non concesso din il-villa u l-koncessjoni taghha ta’ utile dominju perpetwu kienu fiz-zmien jifformaw parti, qua art, bhala parti mill-primogenitura li nizlet b’wirtijiet successivi sa Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani, l-ahhar wiehed li gawda mid-drittijiet tal-primogenitura. Hu minnu wkoll illi sakemm kien jirrigwarda biss id-dirett dominju wara l-mewt ta’ Pietro Paolo, bintu Beatrice kellha sehem indiviz mid-dirett dominju li gie ghandha minhabba l-primogenitura ta’ missierha. Il-kwezit li jrid jigi mistharreg kien jekk il-konsolidazzjoni tad-dirett dominju mal-utili dominju li sar b’irkupru fl-1959 jistghax jitqies bhala parti intrinsiku minn dik il-primogenitura jew kienx akkwist ghal rasu, u barra mill-primogenitura, u allura mhux kopert bil-legat ta’ Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

Il-Qorti tqis li r-risposta tinsab fin-natura tal-istutut ta’ irkupru llum abolit hlief ghall-irkupru bi ftehim u rkupru successorju, u jekk irkupru jikkostitwix akkwist gdid. Fil-fehma tal-Qorti l-irkupru mhux akkwist gdid izda hu preferenza favur it-titolari ta’ dritt li f’certi cirkostanzi u in virtu ta’ titolu gia vigenti fil-mument li jkun gie koncess parti ta’ jew id-dritt innifsu lil terzi, li t-titolar jerga’ jiehdu lura. Kull ma jkun sehh bl-irkupru hu t-tehid lura ta’ dak id-dritt li t-titular ikun ikkonceda bil-kondizzjoni (f’dan il-kaz legali) li dan id-dritt jerga’ jirkuprah. L-irkupru ma jsirx a bazi ta’ xi dritt gdid fil-mument tal-irkupru izda a bazi ta’ dritt li kien vigenti fiz-zmien li gie koncess. Ghalhekk ma jistghax jitqies li l-irkupru li sar minn ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani kien xi akkwist gdid ta’ dak li kien gia taghhom permezz u tramite l-primogenitura dejjem jekk tezisti izda biss l-konsolidazzjoni tad-dritt shih tal-proprjeta, dritt li insorga u nzamm haj meta saret il-koncessjoni tal-utile dominju naxxenti mid-dritt ta’ proprjeta fuq l-art f’Ta’ Xbiex provenjenti mill-primogenitur. Tant hu hekk illi f’kazijiet fejn konsorti tkun ikkoncediet dritt ta’ utile dominju soggett ghall-irkupru qabel iz-zwieg, din il-proprjeta tibqa’ parafernali meta jigi rkuprat anki jekk l-irkupru isir fiz-zwieg. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Michele**

**Mizzi et vs Giuseppa Pullicino**, 28/12/1936, Vol XXIX II 1173:

Izda ghalkemm dak il-mezzanin inkiseb ma’ tul iz-zwieg, b’daqshekk ma waqghax fix-xirka tal-ksib, ghax kif bosta drabi gie maqtugh minn din il-Qorti, l-immobbli rkuprat mill-mizzewgin matul iz-zwieg ma jaqax fix-xirka u ma jghoddx ksib tax-xirka izda jibqa’ ta’ min ikun irkuprah, ghax il-ksib ikun sar bis-sahha ta’ titolu mnissel qabel iz-zwieg

Din is-sentenza u ohrajn fuq l-istess mertu jikkonfermaw l-istess. Hekk sehh f’dan il-kaz. L-irkupru sar in forza ta’ dak gia appartenenti lil ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani li gie ghandhom in forza tal-primogenitura li l-istess Pietro Paolo kien igawdi fuq din il-proprjeta. Kwindi hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi dan il-fond jaqa’ f’dak li riedet it-testatrici fil-legat imholli fil-paragrafi 2 u 3 tat-testment taghha.

**L-art Tal-Blata l-Gholja fil-Mosta**

Qed jigi koncess ghal finijiet ta’ din il-kawza li din l-art kienet tifforma parti mill-primogenitura ta’ Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani ghalkemm din il-Qorti mhix mitluba tindaga u tiddeciedi dwar jekk tezistix primogentirua.

Jirrizulta illi fit-18 ta’ Gunju 1985 b’rizoluzzjoni fil-Parlament din l-art ta’ estensjoni ta’ 68,065 metri kwadri ttiehdet mill-Gvern (Dok. MTMV217) u dan in forza tal-Att tal-1983 Dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini, Att 1 tal-1983 pero fil-1995 parti minn din l-art cioe 19,974 metri kwadri regghet giet ritornata lil ulied Pietro Paolo cioe Salvino, Beatrice, Maria u Mario b’titolu ta’ tpartit.

Dan il-kuntratt ighid illi b’rizoluzzjoni tal-Parlament tat-8 ta’ Lulju 1992 l-artijiet li ma gewx utilizzati ghal skop pubbliku kellhom jigu ritornati lis-sidien b’titolu ta’ tpartit. Dan it-tpartit sar billi l-Gvern ittrasferixxa lura l-art in kwistjoni valutata ghal finijiet tal-kuntratt (Lm5,593) u s-sidien cioe l-ahwa Testaferrata Moroni Viani ittrasferew lill-Gvern il-jedd

ghal kumpens relattiv ghall-istess art, liberu u frank minn kull dritt ghal interessi jew danni li jistghu jkunu dovuti, valutat dan kollu ghal finijiet tal-kuntratt Lm5,593.

Il-Qorti tirrileva illi l-Att tal-1983 Dwar Arei ghall-Izvilupp tal-Bini tispecifika fl-artikolu 3 u 5 tal-imsemmi Att illi darba li l-Parlament japprova li l-art in kwistjoni hi art li taqa' taht il-ligi, allura dik l-art issir, kif fil-fatt saret, proprjeta tal-Gvern ta' Malta. L-artikolu 3 fil-partijiet relevanti tieghu jghid hekk:
3(1) Il-Ministru jista' minn zmien ghal zmien jiddikjara kull art f'Malta biex tkun Area ghal-Izvilupp tal-Bini u ghandu jddeskrivi dik l-area b'dak il-mod li jidhirlu xieraq.

3(5) Meta xi art tkun giet dikjarata bhala Area ghall-Izvilupp tal-bini kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u l-Ministru jkun ipprepara Progett skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u l-procedura stabbilita fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu tkun giet segwita u z-zmien hemm imsemmi jkun ghadda, il-Ministru ghandu jiehu hsieb li d-dikjarazzjoni ttiqieghed quddiem il-Kamra biex kunsidrata minnha.

3(6) Il-Kamra tista' b'rizoluzzjoni jew tadotta jew tichad dik id-dikjarazzjoni jew tista' tapprova dik id-dikjarazzjoni b'kull modifika li jidhrilha xieraq li taghmel.

L-artikolu 5 imbaghad ighid hekk:
(1) Salv id-dispozizzjoni ta' l-artikoli 7 u 8 ta' dan l-Att, b'sehh mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rizoluzzjoni tal-Kamra msemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, l-art kollha li tkun f'Area ghall-Izvilupp tal-Bini ghandha, bis-sahha ta' dan l-Att u minghajr il-htiega ta' xi formalita ohra mehtiega b'ligi, titqies ghall-finijiet u effetti kollha ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, li hi art akkwistata ghal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjeta assoluta, libera u franka minn kull piz, ipoteka jew privilegg taht id-dispozizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza, u ma' dan, dawk id-dispozizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza li m'humiex inkompatibbli ma' dan l-istess kondizzjonijiet daqslikieku l-art giet akkwsitata ghal skop pubbliku b'xiri assolut taht l-Ordinanza.

L-artikolu 7 u 8 imsemmija fl-artikolu 5 ma humiex relevanti ghal finijiet ta’ dak kunsidrat f’din il-pendenza. L-Ordinanza li l-artikolu 5 jitkellem dwarha hi l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici Kap. 136.

L-unika formalita imposta mill-Att 1 tal-1983 hu li l-Kummissarju tal-Artijiet jirregistra l-art fir-Registru tal-Artijiet skond l-Att tal-1981.

Infatti ma jirrizultax li dan it-trasferiment favur il-Gvern ta’ Malta gie registrat fl-Insinwa.

Bl-istess mod pero tispjega ruhha s-soluzzjoni legali sabiex sar il-kuntratt ta’ radd lura ta’ parti mill-art, cioe dik in kwistjoni, lura lis-sidien. Billi l-art kienet effettivament proprjeta tal-Gvern ta’ Malta u peress li l-Gvern ma kellux utilita pubblika ghaliha, kellu jinstab mod ta’ radd lura lis-sidien minghajr ma jsir ebda trasferimenti ta’ flus a rigward u dan peress li almenu safejn jirrizulta lil din il-Qorti l-Gvern ma kien ghadu ta ebda kumpens fuq din l-art lill-eredi ta’ Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani. Il-mod li nstab kien rizoluzzjoni tal-Parlament u konsegwentement kuntratt ta’ tpartit fejn l-art regghet traddet lura lis-sidien b’korrispettiv ma’ drittijiet ta’ kumpens li kellhom favur taghhom is-sidien verso l-Gvern ta’ Malta. Fil-fatt ma thallset ebda somma lil Gvern ta’ dan it-trasferiment.

Dan il-mod ta’ radd lura tal-art inbidel fiz-zmien. Fil-fatt wara dan il-kuntratt aktar il-quddiem fiz-zmien l-istess ahwa Testaferrata Moroni Viani regghu hadu lura bicca art ohra mill-istess art mehuda mill-Gvern fit-18 ta’ Gunju 1985 u dan minghajr il-bzonn ta’ ebda kuntratt izda biss permezz tas-sahha ta’ Avviz Legali, f’dan il-kaz 85/2003 maghmul bis-sahha tal-Att XVII tal-2001 fejn il-Gvern inghata s-setgha li jirritorna art li ttiehdet taht l-Att 1 tal-1983 minghajr il-bzonn li jsir xi kuntratt ta’ radd lura. Sinjifikanti l-kliem tal-istess AL 85/2003 fejn l-istess ligi ghamlitha cara li r-radd lura bis-sahha ta’ dan l-Avviz Legali isir qisu l-akkwist li sar mill-Gvern fit-18 ta’ Gunju 1985 jitqies li qatt ma sehh.

Kieku din kienet il-pozizzjoni fil-kaz in kwistjoni din il-Qorti ma kien ikollha ebda esitazjoni li tghid li l-art baqghet proprjeta ta' ulied Pietro Paolo Testaferrata Moroni Viani provenjenti mill-primogenitura u kwindi formanti parti mill-legat mholli minn Beatrice Testaferrata Moroni Viani.

Izda t-tehid u r-radd lura tal-art mertu ta' din il-kawza ma sarx b'dan il-mod. Il-Gvern akkwista b'titolu naxxenti direttament minn ligi, l-art in kwistjoni formanti parti minn art akbar fl-1985. F'dak il-mument jitqies li l-proprjeta ma baqghetx tal-ahwa Testaferrata Moroni Viani u kwindi kull rabta mal-primogenitura intemmet f'dak l-akkwist forzat li sar mill-Gvern. Hu minnu illi l-ahwa Testaferrata Moroni Viani regghu irriakkwistaw parti mill-istess art fl-1985 pero dan ma kienx in virtu tal-primogenitura ghalkemm huma dahlu ghal kuntratt ghax kienu gia l-proprjetarji sal-1985, izda ghaliex il-Gvern ma riedx jutilizza l-art u ried ghalhekk jerga' jitrasferixxi l-art. L-akkwist li sar mill-ahwa Testaferrata Moroni Viani ghalkemm ma sarx bi hlas izda xorta hemm quid pro quo ta' kuntratt aleatorju fis-sens li in kambju tar-rinunzja tal-ahwa Testaferrata ghad-drittijiet taghhom ghal kumpens ghat-trasferiment forzat (tal-1985 li jidher ma kienux ghadhom hadu meta ttiehdet l-art) u ghal kull kumpens ghal imghax u danni (li s'intendi kienu dawk ghall-okkupazzjoni mill-Gvern bejn l-1985 u 1995) huma irriakkwistaw l-art verso l-valur pattwit ta' Lm5,500 ghaz-zewg trasferimenti li saru b'sahha ta' dan it-tpartit.

Ghalkemm il-kuntratt sar in forza tal-fatt li huma kienu fiz-zmien is-sidien tal-art dato non concesso bil-provenjenza tal-primogenitura huma dahlu f'dan il-kuntratt gdid wara li kienu tilfu l-jedd taghhom fl-1985. Ma kienx hemm ghalhekk kontinwazzjoni tat-titolu jew akkwist li sar in forza ta' titolu precedenti. Dak it-titolu ghal finijiet ta' din il-kawza jitqies li kien gej mill-primogenitura gie stronkat meta l-Gvern sar il-proprjetarju tal-art u rega' gie akkwistat mill-gdid ghax il-Gvern ried jassenja lura parti mill-istess art, u s-sidien precedenti rridu jergghu jirriakkwistaw b'korrispettiv ta' valur.

F'dan il-kaz ghalhekk din il-Qorti ma tqis li l-legat jista' jinkludi din il-bicca art bhala dak li gej mill-primogenitura

ghax fl-1985 ma baqghax jifforma parti mill-primogenitura ghax gie trasferit lill-Gvern ta' Malta. Kwindi l-Qorti tqis li l-legat ma jinkludix din l-art fil-Mosta.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti safejn hu kompatibbli ma' dak hawn deciz u tilqa t-talba attrici limitatament ghall-art Tal-Blata l-Gholja, l-Mosta billi tiddikjara li dato non concesso li kien hemm primogenitura din ma tifformax parti mill-legat ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani fi klawsola 2 u 3 fit-testment taghha tas-6 ta' Lulju 2007 pero tichad it-talba attrici u tiddikjara li l-Villa Bendigo, Ta' Xbiex Wharf, Ta' Xbiex, tifforma parti mill-legat tal-istess testatrici fi klawsola 2 u 3 tat-testment taghha tas-6 ta' Lulju 2007 dato non concesso li kien hemm primogenitura.

L-ispejjez jithallsu nofs mill-attrici u kwart bejn il-konvenuti Preziosi u Spiteri Debono u kwart bejn il-konvenuti l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------